14 ta' Frar, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Neg. Angelo Grima** *versus* **Neg. William John Caffary (*)**

**Jattanza — Millantazzjoni — Terminu — Art. 404 tal-Kap. 15.**

*L-azzjoni ta' jattanza għandha tingieb 'il quddiem fi żmien sena mill-pretensjoni; u l-pretensjoni trid tkun saret b'att ġudizzjarju jew xort'oħra bil-miktub.*

*Imma s-sempliċi spedizzjoni ta' kont, meta ma hux akkompanjat minn ebda sejħa espressa għall-pagament, mhix millantazzjoni. Lanqas jista' jingħad li l-kont huwa millantazzjoni "re ipsa".*

*Għalhekk il-fatt li jinbagħat kont biss, bla ebda sejħa għall-pagament, ma jammontax għal millantazzjoni, u mill-ispedizzjoni tiegħu ma jibdiex jgħaddi t-terminu ta' sena li fih tista' tiġi dedotta l-azzjoni ta' jattanza.*

*Il-millantazzjoni ma teżulax bis-sempliċi fatt li l-attur in jattanza ma jiċħadx li xi ħaġa għandu jagħti lill-konvenut; għax il-millantaz-*

*zjoni tibqa' dejjem għall-eċċess pretiżi mill-konvenut, u għal dak l-eċċess hemm il-millantazzjoni li l-attur għandu nteress jiġi liberat minnha. U dan ir-rimedju japplika tant għall-millantazzjoni tas-somma sħiħa, kemm għall-millantazzjoni ta' l-eċċess.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremetta illi l-konvenut, b'ittra uffiċjali tal-25 ta' Lulju 1951 (dok. A), immillanta u ivvanta kontra tiegħu kreditu ta' £370. 10. 0 bħala prezz ta' materjal u xogħol li sar, kif huwa jippretendi, in konnessjoni ma' l-installazzjoni u impjant tal-luċe elettrika fil-villa proprjetà tiegħu denominata "Santa Rita", f'Marsaxlokk, u talab ezbat ijiem żmien biex iħallas, u sal-lum għadu ma ddeduċiex dina l-pretensjoni quddiem il-Qorti; u illi hu ma għandux jagħti dina s-somma lill-konvenut, anzi hu jinsab kreditur tal-konvenut għal ammonti oħra superjuri għal dina s-somma; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti li għalihom ikun hemm lok, lill-konvenut jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti terminu raġjonevoli, skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi, biex huwa jkun jista' fih jiddeduċi u jġib 'il quddiem il-pretensjoni tiegħu f'dan it-terminu; u in difett illi hu jonqos, illi jonqos ċjoè illi hekk jiddeduċi u jġib 'il quddem il-pretensjoni tiegħu f'dana t-terminu, tiġi lilu preklużа u magħluqa t-triq illi jista' jaġixxi 'l quddiem fuq l-istess millantazzjoni, u jiġi lilu impost il-perpetwu silenzju, b'mod illi huwa jiġi liberat għal dejjem minn dina l-pretensjoni ta' l-istess konvenut. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inġunt għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat:

Fuq l-eċċezzjoni li l-azzjoni ġiet miġjuba barra mit-terminu, skond l-art. 404 Kap. 15, l-azzjoni għandha tinġieb fi żmien sena mill-pretensjoni, li għandha tkun f'attijiet ġudizzjarji jew xort'oħra bil-miktub;

Fin-nota tiegħu ta' riljevi l-konvenut igħid li t-terminu għadda, in kwantu li għandu jitqies li beda jiddekorri mid-data tal-kont fol. 23;

Għandu jingħad, l-ewwelnett, illi s-sempliċi spedizzjoni

(*) Appell ċedut fl-24. 3. '52.

ta' kont, meta ma jkunx akkompanjat minn ebda sejħa espressa għall-pagament, mhijiex millantazzjoni; għaliex il-kont jinbagħat anki sabiex min jirċevih ikollu l-opportunità li jeżaminah u, jekk ikun il-każ, jikkritikah. Il-mittent tal-kont jista' jaċċetta l-kritika tiegħu li talvolta jagħmel ir-riċevent;

Lanqas jista' jingħad li l-kont hu millantazzjoni "re ipsa"; għax minn dejjem ġew esklużi mill-kategorija tal-provokazzjoni diffamatorji dawk li jissejħu "vanti di diritto". Tant hu hekk, li fl-istess kont fol. 23 hemm is-soliti ittri "E. & O.E." (vwoldiri "errors and omissions excepted") — kliem li juru li l-mittent, bis-sempliċi spedizzjoni tal-kont, huwa dispost li jikkunsidra rettifiki tiegħu;

Għalhekk il-fatt li jinbagħat kont biss, bla sejħa għall-pagament, ma jammontax għal millantazzjoni; għaliex il-"vanto" mhux preċiżat, inkwantokkè, ġa ladarba l-mittent ma jakkompanjax il-kont b'interpellazzjoni għall-pagament, anzi jżid fil-kont dik ir-riżerva, iħalli inċerta l-volontà tal-mittent fis-sens li dan għad jista' jirriforma l-kont fuq l-osservazzjonijiet tal-persuna li tirċievi l-kont;

Iżda, apparti dan, hemm dina ċ-ċirkustanza li sejra tingħad. Il-millantazzjoni li għaliha tirriferixxi din l-azzjoni hija dik tas-somma ta' £370, 10. 0 dedotta fl-ittra uffiċjali fol. 5. Il-kont fol. 23, fuq riferit, huwa għal ammont iżgħar, u kwindi l-pretensjoni ta' l-ammont akbar ta' £370. 10. 0 tikkostitwixxi pretensjoni ġdida għall-finijiet tal-ġudizzju tal-jattanza;

Issa, hu ċert illi l-ewwel darba li saret dina l-pretensjoni ġdida ta' £370. 10. 0 kienet mhux qabel il-31 ta' Ottubru 1950; għaliex kien appuntu fl-ittra tiegħu ta' dik id-data, fol. 24, illi l-konvenut qal għall-ewwel darba illi hu kien ommetta somma fil-kont ta' qabel, u li "therefore the total sum due to me by Mr. Grima is £370. 10. 0, and not £348. 13. 0";

Għalhekk, sija jekk titqies l-ittra ta' Dottor Miceli lill-attur tat-3 ta' Novembru 1950, fol. 27, li biha dana talab lill-attur il-ħlas tal-kont bis-somma awmentata, sija jekk titqies l-ittra uffiċjali fol. 5, l-azzjoni tibqa' dejjem tempestiva;

Ikkunsidrat fil-meritu;

Mill-attijiet ta' dina l-kawża u l-oħra fl-istess ismijiet deċiża l-lum, li għaliha d-difensuri għamlu riferenza fol. 29.

jirriżulta illiż-żewġ pendenzi — din u dik tal-"Bank Guarantee" — kienu distinti. Il-fatt li l-attur ried ikun jaf sewwa x'qed jippretendi l-konvenut għall-allegat xogħol tiegħu, jew il-fatt li l-attur kien jinsisti għar-regolament tal-pendenza tal-Bank, ma jġibux għall-assunt tal-konvenut li dawn iż-żewġ pendenzi għandhom ġuridikament jitqiesu bħala pendenza waħda konfużament;

Il-millantazzjoni ma teżulax bis-sempliċi fatt li l-attur in jattanza ma jiċħadx li xi ħaġa għandu jagħti lill-konvenut; għaliex jibqa' dejjem li, għal dak li hu eċċess, hemm millantazzjoni li l-attur għandu interess li jiġi liberat minnha. Dan hu appuntu dak li l-Imħallef Dr. Gasan, fis-sentenza "Carlo Galea vs. Barone Galea", 16 ta' Mejju 1882, Prim'Awla, sejjaħ millantazzjoni, meta qal li din "si appalesa ancora ove il titolo o diritto fosse vanamente magnificato, con tendenza ossia aspirazione apparente al danno altrui";

Diversament wieħed kien ikollu jiġi għall-konklużjoni assurda illi l-liġi ma tagħtix rimedju kontra bniedem li, għalkemm jista' jkun li għandu jieħu minn għand ħadd ieħor, per eżempju, £20, jivvanta bil-miktub, bla ma jiġi qatt 'il quddiem b'azzjoni, li għandu jieħu, per eżempju, £300. Ir-rimedju tal-"Lex Diffamari" hu kontra l-millantazzjoni, biex il-millantatur iġib l-azzjoni tiegħu 'l quddiem jew jiskot għal dejjem; u hu ovvju li dan ir-rimedju għandu japplika tant għal millantazzjoni ta' somma sħiħa, kemm għal millantazzjoni ta' l-eċċess;

Anki jekk wieħed jieħu l-istudju eżeġetiku tal-liġi, għandu jara l-fondatezza ta' dina l-azzjoni. Kif inhu magħruf, id-dispożizzjoni tal-liġi dwar il-jattanza ġejja, almenu prinċipalment, mill-"Lex Diffamari", imqiegħda taħt it-Titolu "de Ingenuis et Manumissis" tal-Kodiċi ta' Giustiniano; u oriġinarjament kienet tikkolpixxi allegazzjonijet inġurjużi u diffamanti, biex dawn jiġu jew dedotti in ġudizzju, jew tronkati għal dejjem. Meta l-glossaturi u l-interpreti posterjuri estendew l-applikazzjoni ta' din il-liġi rumana, ippersista dan il-karattru tagħha oriġinali ta' diffamazzjoni; u l-Voet osserva li dik il-liġi hi singolarment applikabili f'każ ta' negozjant li bil-millantazzjoni jkun milqut fil-kreditu tiegħu. "Praecipue inter mercatores, quorum ex fide quam apud alios inveniunt felicitas

magna ex parte pendet; quae fides quantopere decrescere soleat ex hujusmodi jactationibus non discussis, experientia testis est" (Lib. V, Tit. I, ad tit. de judic. et ubi, no. 21);

Anki l-Merlin (Rep. voce Diffamari) isemmi speċjalment il-kreditu ta' negozjant kompromess bil-millantazzjoni ta' ħadd ieħor;

Issa, meta l-konvenut, konfrontat bil-pendenza tal-Bank Guarantee, jivvanta kontra l-attur, bla ma jiddeduċieh, kreditu li l-attur jirritjeni li jissupera bil-bosta dak li għandu jagħtih, b'daqshekk ikun qed jilledi l-kreditu ta' l-attur, billi jqiegħdu f'pożizzjoni apparenti ta' debitur li mhux qiegħed jissoddisfa l-kredituri. Hu ċert li bil-pretensjoni tal-konvenut, mhux dedotta, l-attur jiġi li jinsab fil-pożizzjoni ta' dak il-kummerċjant, fil-kliem ta' Dalloz (Rep. voix "Action", no. 213, nota 2), "il cui credito sia esposto a detrimento dall'altrui vantarsi";

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespingi l-eċċezzjoni tad-dekadenza mill-azzjoni minħabba d-dekors tas-sena, bl-ispejjeż ta' dan il-kap kontra l-konvenut;

U tilqa' l-ewwel talba, u għall-finijiet tagħha tipprefiġġi lill-konvenut ħmistax-il ġurnata żmien biex jiddeduċi l-pretensjoni millantata;

Tirrimetti l-konjizzjoni tat-tieni domanda għas-seduta ta' l-4 ta' Marzu 1952, għal liema ġurnata tibqa' rinvijata l-kawża; spejjeż ta' dan il-kap riżervati.